MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Numru 802/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Elton John Zammit, iben Joseph, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ diċembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli ġewwa San Gwann, f’xi ħin matul il-lejl tal-24 u il-25 ta’ mejju, 2007 ikkometta serq ta’ żewġ skips tal-plastic li l-valur tagħhom jeċċedi Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-ħin, u dan sar għad-dannu ta’ Sammy Borg minn San Gwann u/jew persuni oħra;
2. tali kiser il-provvedimenti tal-probation a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien ġie misjub ħati, b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

tat-23 ta' novembru, 2006 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' novembru, 2007 fejn l-imputat obbliga ruħu li jħallas is-somma ta' Lm150 lil Sammy Borg bħala danni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' novembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 270 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------